Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Mejju 2020
(OR. en)

8138/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0166(APP)**

CADREFIN 88
RESPR 12
POLGEN 49
FIN 303

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' Mejju 2020 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 443 final |
| Suġġett: | Proposta emendata għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 443 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 443 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2020
COM(2020) 443 final

2018/0166 (APP)

Proposta emendata għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

# 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

## 1.1 Baġit tal-UE ambizzjuż u innovattiv għall-irkupru Ewropew

L-UE aġixxiet malajr biex tagħti rispons koordinat u qawwi għall-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-kriżi, fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali li jiskadi fl-2020. Dan ir-rispons jikkomplementa l-miżuri ekonomiċi u finanzjarji diskrezzjonali li ħadu l-Istati Membri.

Il-pandemija tal-Coronavirus misset kull rokna tal-Ewropa u tad-dinja. Kemm hu qawwi l-impatt soċjoekonomiku tagħha huwa straordinarjament inċert. F'dan l-istadju diġà huwa ċert li tippreżenta sfidi kbar bħal qatt qabel għas-sistemi finanzjarji u ekonomiċi tal-Istati Membri. It-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni[1] jipprevedi li fl-2020 l-ekonomija taż-Żona tal-Euro se tiċkien b'rekord ta' 7,75 % u li fl-2020 l-ekonomija tal-UE hija prevista li tiċkien b'7,5 %. Il-projezzjonijiet tat-tkabbir għall-UE u għaż-Żona tal-Euro ġew riveduti 'l isfel b'madwar disa' punti perċentwali meta mqabbla mat-Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa 2019. Ix-xokk għall-ekonomija tal-UE huwa simetriku fis-sens li l-pandemija laqtet lill-Istati Membri kollha, iżda t-tnaqqis fl-output fl-2020 huwa mistenni li jvarja b'mod sinifikanti. Madankollu, it-Tbassir tar-Rebbiegħa mhuwiex ċar minħabba livell ogħla mis-soltu ta' inċertezza u riskji b'riżultat ta' suppożizzjonijiet dwar l-evoluzzjoni tal-pandemija tal-coronavirus u l-miżuri ta' konteniment. Din l-istampa ġenerali tikkonfermaha wkoll il-valutazzjoni fil-fond tal-ħtiġijiet[2].

Biex l-Unjoni toħroġ aktar b'saħħitha minn din il-kriżi ta' skala u ambitu mingħajr preċedent, ir-rispons iridu ikun rapidu, ambizzjuż u koordinat. Il-kalibru tal-isfidi u l-interkonnessjoni tal-ekonomiji tal-Ewropa jfissru li l-ebda Stat Membru ma jista' jirnexxi waħdu. Huwa għalhekk li fil-qalba tal-pjan ta' rkupru għall-Ewropa jrid ikun hemm baġit tal-UE b'saħħtu u modernizzat.

Fil-Komunikazzjoni tagħha "Il-baġit tal-UE jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa"[3]il-Kummissjoni ppreżentat pjan komprensiv għall-irkupru Ewropew, ankrat fis-solidarjetà u ispirat mill-prinċipji u l-valuri komuni tal-Unjoni. Il-baġit fit-tul tal-UE, kif imsaħħaħ mill-finanzjament awtorizzat mid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji[4] favur l-Istrument Ewropew għall-Irkupru tal-Ekonomija, se jkun l-għodda ewlenija.

Flimkien, dawn il-proposti se jippermettu li tiġi sfruttata s-saħħa kollha tal-baġit tal-UE sabiex fl-ewwel snin kruċjali tal-irkupru jiġi mobilizzat l-investiment filwaqt li jingħata finanzjament bil-quddiem kemm bħala appoġġ kif ukoll għall-investiment, li jħejji t-triq lejn tranżizzjoni ġusta u inklużiva favur futur ekoloġiku u diġitali, jagħti sostenn lill-awtonomija strateġika fit-tul tal-Unjoni u jrendiha tiflaħ għax-xokkijiet fil-futur.

L-Istrument propost ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (l-Istrument ta' Rkupru Ewropew)[5], huwa mekkaniżmu speċjali ta' emerġenza, li jimplimenta miżuri ta'rkupru u reżiljenza u għalhekk jgħaddi finanzjament lil programmi importanti tal-Unjoni għal żmien limitat, u jiffoka fuq

[1] Żid ir-referenza
[2] SWD(2020) 98
[3] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni "Il-baġit tal-UE jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa", COM(2020)442, 27 ta' Mejju 2020.
[4] COM(2020)445 - Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea
[5] COM(2020)441 – Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument tal-Irkupru tal-Unjoni Ewropea insostenn tal-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19

ħtiġijiet urġenti ta' investiment li tipproduċi l-kriżi. Dan se jkun espressjoni qawwija tas-solidarjetà li tgħaqqad lill-Unjoni. Se jkun temporanju, immirat u b'forza li tikkorrispondi għall-isfidi tal-mument. Ir-riżorsi, ibbażati fuq awtonomizzazzjoni temporanja u speċjali biex isir tislif skont id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, se jiġu pprovduti permezz ta' kuntratt ta' self fis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. Il-Fondi b'self se jingħataw b'żieda mal-approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit tal-Unjoni, u għalhekk barra mil-limiti massimi tan-nefqa tal-qafas finanzjarju pluriennali. Se jidhru ċar fil-baġit biex jintwera l-karattru temporanju u speċjali tagħhom kif ukoll għat-trasparenza.

L-elementi fundamentali tal-proposti tal-Kummissjoni għal baġit fit-tul modern u flessibbli strettament orjentat lejn il-prijoritajiet tal-Unjoni għadhom kompletament validi llum. Il-Kummissjoni ssostni dawn il-proposti, li issa jridu jissaħħu u jiġu adattati biex jagħtu l-enerġija lill-irkupru tal-Ewropa, permezz ta' strumenti dedikati u rinforzi għall-programmi li huma l-aktar kritiċi għall-irkupru.

Huwa essenzjali li jingħataw riżultati rapidi fil-kuntest tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, l-Istrument ta' Rkupru Ewropew u l-qafas ġdid fit-tul. Ftehim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 huwa tal-akbar importanza biex l-operaturi ekonomiċi, ir-reġjuni, l-SMEs, il-bdiewa, ir-riċerkaturi u benefiċjarji oħra tal-fondi tal-UE jingħataw l-ispinta finanzjarja u l-fiduċja meħtieġa biex jingħata sostenn lill-investimenti fit-tul. Filwaqt li jibni fuq il-progress sostanzjali li diġà sar fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill se joħloq l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għal ftehim f'waqtu.

Barra minn hekk, l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-Coronavirus jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat biżżejjed spazju fiskali għall-Unjoni f'każ ta' xokkijiet ekonomiċi li jwasslu għal tnaqqis f'daqqa u għall-għarrieda fl-introjtu nazzjonali gross. Sabiex jiġi ppreservat marġini suffiċjenti skont il-limiti massimi tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji biex Unjoni tkopri kull obbligu finanzjarju u kull obbligazzjoni kontinġenti li għandha u li jkunu dovuti f'sena partikolari anki fil-kuntest tal-aktar żviluppi ekonomiċi negattivi, il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll li żżid il-limiti massimi tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji għall-impenji u l-pagamenti fuq bażi permanenti għal 1,46 % and 1,40 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-UE, rispettivament. Barra minn hekk, żieda speċjali u temporanja addizzjonali fil-limiti massimi tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji hija meħtieġa biex ikun jista' jsir is-self skont l-Istrument ta' Rkupru Ewropew.

### 1.2. It-tibdil meħtieġ għall-abbozz tar-Regolament QFP u għall-abbozz tal-Ftehim Interistituzzjonali

Il-pakkett ta' rkupru komprensiv jitlob li jsiru rinforzi u aġġustamenti għall-proposti tal-Kummissjoni ta' Mejju 2018 għall-qafas pluriennali 2021-2027, biex jiġu inklużi faċilitajiet u programmi ġodda ffukati fuq l-aktar ħtiġijiet urġenti ta' rkupru, tisħiħ sinifikanti għal programmi oħra kruċjali għar-rispons, u għal aktar flessibbiltà.

Hemm bżonn li l-limiti massimi tan-nefqa għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 kif stipulat fl-Anness tal-proposti tal-Kummissjoni għal abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu 2021-2027[6] jiġu adattati biex jirriflettu l-progress li sar fin-negozjati, jipprovdu finanzjament għal inizjattivi ġodda, jiġu

[6] Il-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, COM (2018)322 final/2 - 2018/0166 (APP)

adattati għall-prijoritajiet rinfurzati li ħadu prominenza minħabba l-kriżi attwali, u għall-isfidi komuni li dan l-aħħar kibru sew fil-post[7].

Fir-rigward tas-self għall-pjan ta' rkupru, awtorizzat skont id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji u mwettaq skont l-Istrument ta' Rkupru Ewropew, l-approprjazzjonijiet meħtieġa biex ikopru pagamenti ta' kupuni potenzjali matul il-perjodu 2021-2027 huma kompatibbli mal-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali, u b'mod partikolari l-Intestatura 2 "Koeżjoni u Valuri" (minbarra "Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali") F'oqfsa finanzjarji pluriennali futuri se jkunu previsti l-approprjazzjonijiet meħtieġa biex jiġu koperti l-pagamenti tal-kupuni u t-tifdija tagħhom malli jimmaturaw.

B'dawn l-aġġustamenti mmirati, l-Unjoni se jkollha qafas finanzjarju fit-tul allinjat aħjar mal-prijoritajiet u l-ambizzjonijiet tagħha, u mfassal biex jibni r-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fi żmien medju u fit-tul.

Huma meħtieġa wkoll aġġustamenti għall-abbozz ta' Regolament dwar il-QFP u għall-abbozz ta' Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba[8]. Dawn l-aġġustamenti se jipprevedu aktar flessibbiltà fl-implimentazzjoni, u dan jirrifletti l-ħtieġa ta' dispożizzjonijiet ġodda biex jiġu attivati f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Dawn jintegraw ukoll innovazzjonijiet bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u jipprevedu informazzjoni trasparenti mill-awtorità baġitarja dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Rkupru Ewropew.

Il-Kummissjoni qed taġġusta wkoll il-proposti tagħha għall-programmi futuri dwar il-politika ta' koeżjoni biex fost l-oħrajn tagħti sostenn qawwi lill-investimenti relatati mal-kriżi, tipprovdi għal aktar flessibbiltà għat-trasferimenti bejn fondi u kategoriji ta' reġjuni, kif ukoll tintroduċi dispożizzjonijiet ġodda li jiġu attivati f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Sabiex jiggarantixxu sostenn lil dawk l-Istati Membri u reġjuni li l-aktar għandhom bżonn, il-proposti riveduti tal-Kummissjoni se jinkludu wkoll **rieżami tal-allokazzjonijiet għall-koeżjoni nazzjonali**, u li jkun iqis l-aktar statistika reċenti disponibbli, b'aġġustamenti 'l fuq sa massimu totali ta' livell miżjud ta' EUR 10 biljun (fi prezzijiet tal-2018). Dan se jirrikjedi aġġustamenti korrispondenti tal-limiti massimi tan-nefqa tal-QFP fis-snin 2025-2027.

L-esperjenza ta' dawn l-aħħar ġimgħat uriet li fil-każ ta' kriżi għall-għarrieda u mifruxa bħall-pandemija tal-COVID-19, hemm eżiġenza fuq l-Unjoni biex taġixxi fi ftit jiem. Trid tipprovdi appoġġ rapidu, flessibbli u dirett ibbażat fuq il-prinċipju ta' solidarjetà li jindirizza l-konsegwenzi serji tas-saħħa pubblika tat-tifqigħa fl-Unjoni u tappoġġa l-isforzi u l-kapaċità tal-Istati Membri u r-reġjuni l-aktar milquta.

Dawn l-avvenimenti juru wkoll li d-dispożizzjonijiet ta' **flessibbiltà**, u b'mod partikolari l-istrumenti speċjali, huma konsegwenza kruċjali u indispensabbli għall-prevedibbiltà u l-istabbiltà li joffri l-qafas pluriennali. Dan jikkonferma wkoll li l-arkitettura ta' flessibbiltà kif proposta mill-Kummissjoni fl-2018 għall-baġit fit-tul tal-2021-2027 hija kompletament rilevanti u ġustifikata.

Il-Kummissjoni kienet ipproponiet fl-2018 li testendi l-ambitu tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza biex tippermetti l-attivazzjoni tagħha għal emerġenzi fl-Unjoni. Il-Kummissjoni

[7] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni "Il-baġit tal-UE jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa", COM(2020)442, 27 ta' Mejju 2020.

[8] Il-Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, COM/2018/323 final tat-2 ta' Mejju 2018, proċedura 2018/2070 (ACI)

tipproponi li jiżdied l-ammont massimu annwali disponibbli skont dan l-istrument, li ngħata l-isem ġdid ta’ **Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza**, għal livell ta’ EUR 3 biljun (fi prezzijiet tal-2018), sabiex il-finanzjament tal-emerġenzi jkun jista’ jiġi mobilizzat fuq skala adatta biex jiġu indirizzati sfidi mhux previsti. Ir-riżerva msaħħa se tkun tista’ ssaħħaħ malajr l-azzjoni tal-UE, kif u meta jkun meħtieġ, permezz ta’ strumenti tal-UE li jipprevedu tali mekkaniżmi ta’ emerġenza, bħall-Istrument għall-Appoġġ ta’ Emerġenza iżda wkoll l-Għajnuna Umanitarja, RescEU, il-Programm dwar is-Saħħa, il-Programm għas-Suq Uniku (permezz tal-miżuri ta’ emerġenza veterinarji u fitosanitarji), jew il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil.

Bħala parti mir-reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19, fit-31 ta’ Marzu 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) Nru 2020/461[9], li jestendi l-kamp ta’ applikazzjoni tal-**Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea** biex jinkludi emerġenzi kbar ta’ saħħa pubblika fl-ambitu tad-diżastri li għalihom il-Fond jista’ jintervjeni. Il-Kummissjoni għaldaqstant tipproponi li jiżdied l-ammont massimu annwali ta’ dan l-istrument speċjali għal EUR 1 biljun (fi prezzijiet tal-2018).

Fl-aħħar nett il-Kummissjoni tipproponi żieda fl-ammont annwali massimu disponibbli mill-**Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni** sa EUR 386 miljun (fi prezzijiet tal-2018), proporzjonata maż-żieda mistennija fl-applikazzjonijiet minħabba l-effetti ekonomiċi u soċjali tal-Kriżi tal-COVID.

## 2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

L-emendi proposti għall-premessi u għall-artikoli tal-proposti tal-Kummissjoni tat-2 ta’ Mejju 2018 huma stabbiliti fil-proposta emendata mehmuża. Il-premessi u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha jibqgħu l-istess kif jinsabu fil-proposti oriġinali tal-Kummissjoni COM (2018)322 u COM (2018)323.

Din it-taqsima tipprovdi wkoll spjegazzjonijiet dwar l-emendi għall-abbozz tal-Ftehim Interistituzzjonali, li huwa ppreżentat fid-dokument COM(2020)444[10].

### 2.1. L-Artikolu 2 u l-Premessa 3 tal-abbozz ta’ Regolament

Fi żmien il-proposta għar-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali f’Mejju 2018, ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju kienet diġà s-suġġett ta’ ftehim politiku iżda l-finalizzazzjoni tat-test u l-proċess tal-adozzjoni kienu għadhom għaddejjin. Ir-referenzi għar-Regolament Finanzjarju u d-dispożizzjonijiet tiegħu fir-Regolament dwar il-QFP għalhekk issemmew b’mod proviżorju f’parentesi kwadri.

L-emendi jipprevedu biss l-allinjament tar-referenzi mar-Regolament Finanzjarju kif adottat f’Lulju 2018[11].

---

9 Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Marzu 2020 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi li qed jinnegozjaw l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni li jkunu affettwati serjament minn emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri, ĠU L 99, 31.3.2020.

10 Il-Proposta emendata għal Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f’materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, COM(2020)444.

11 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013,

### 2.2. L-Artikolu 6 u l-Premessa 8 tal-abbozz ta' Regolament

L-emenda tipprevedi r-rieżami tal-allokazzjonijiet għall-koeżjoni nazzjonali, li se jsir fl-2024, u li jkun iqis l-aktar statistika reċenti. Dan ir-rieżami se jaġġusta biss 'il fuq, b'ammont kumplessiv massimu ta' EUR 10 biljun (fi prezzijiet tal-2018). Ir-riżultat tar-rieżami se jkun jenħtieġ aġġustamenti korrispondenti fil-limiti massimi tal-ispiża tal-QFP fis-snin 2025-2027 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

### 2.3. L-Artikolu 8 tal-abbozz ta' Regolament

L-emenda żżid il-Fond għal Tranżizzjoni Ġust mal-programmi b'ġestjoni kondiviża li għalihom jista' jkun hemm bżonn li l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-2021 jiġu pprogrammati mill-ġdid, u li għalihom jenħtieġ li japplika aġġustament korrispondenti tal-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali matul is-snin mill-2022 sal-2025.

### 2.4. L-Artikolu 9 tal-abbozz ta' Regolament

L-emenda tipprevedi żieda fl-allokazzjoni annwali massima tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni sa EUR 386 miljun (fi prezzijiet tal-2018).

### 2.5. L-Artikolu 10 tal-abbozz ta' Regolament

L-emenda tipprevedi żieda fl-allokazzjoni annwali massima tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE sa EUR 1 000 miljun (fi prezzijiet tal-2018).

### 2.6. L-Artikolu 11, l-Artikolu 13 u l-Premessa 7 tal-abbozz ta' Regolament, il-Punt 11 tal-abbozz ta' Ftehim Interistituzzjonali

L-emenda tipprevedi li l-isem tal-istrument speċjali jinbidel f'"Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza" u li l-allokazzjoni annwali massima tiżdied għal EUR 3 000 miljun (fi prezzijiet tal-2018).

### 2.7. L-Anness tal-abbozz ta' Regolament

It-tabella fl-Anness tal-abbozz ta' Regolament hija sostitwita minn tabella ġdida li tinsab fl-anness ta' din il-proposta emendata.

### 2.8. Il-Punt 15a tal-abbozz ta' Ftehim Interistituzzjonali

Din l-emenda tintroduċi paragrafu ġdid fil-Ftehim Interistituzzjonali, li skontu l-Kummissjoni se tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar l-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea. Ir-rapport se jinkludi informazzjoni dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self li jsiru skont l-Istrument, dwar il-volum aggregat ta' rikavati assenjati lill-programmi tal-Unjoni fis-sena preċedenti u dwar il-kontribut ta' dawn l-ammonti biex jinkisbu l-objettivi tal-programmi rilevanti.

---

(UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018.

2018/0166 (APP)

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027**

Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2018)322 hija emendata kif ġej:

(1) Tiddaħħal il-Premessa (1a) segwenti:

"(1a) L-impatt ekonomiku tal-kriżi tal-COVID-19 jeżiġi li l-Unjoni tipprovdi qafas finanzjarju fit-tul li jwitti t-triq għal tranżizzjoni ġusta u inklużiva lejn futur ekoloġiku u diġitali, li jappoġġa l-awtonomija strateġika fit-tul tal-Unjoni u li jrendiha reżiljenti għal xokkijiet fil-futur.

(2) Il-premessa (3) hija sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Jekk hu meħtieġ li jiġu mobilizzati garanziji mogħtija skont il-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 220(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] ("ir-Regolament Finanzjarju"), jenħtieġ li jiġi mobilizzat l-ammont neċessarju lil hinn mil-limiti massimi tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament tal-QFP, filwaqt li jiġi rispettat il-livell massimu tar-riżorsi proprji."

(3) Il-premessa (7) hija sostitwita b'li ġej:

"(7) L-istrumenti speċjali segwenti huma neċessarji sabiex l-Unjoni tkun tista' tirreaġixxi għal ċirkostanzi speċifiċi għall-għarrieda, jew biex jippermettu l-finanzjament ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma tkunx tista tiġi ffinanzjata fil-limiti massimi disponibbli għal intestatura waħda jew aktar kif stabbilit fil-QFP sabiex il-proċedura baġitarja tkun tista' taħdem bla xkiel: il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza, il-Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni), l-Istrument ta' Flessibbiltà u l-Marġini ta' Kontinġenza. Ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza ma għandhiex l-għan li tindirizza l-konsegwenzi tal-kriżijiet relatati mas-suq li jaffettwaw il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni agrikola. Għalhekk jenħtieġ li ssir dispożizzjoni speċifika għall-possibbiltà li, meta jkun meħtieġ li jintużaw strumenti speċjali, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u dawk ta' pagament korrispondenti jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP."

(4) Fil-premessa (8), tiddaħħal is-sentenza segwenti:

[12] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. (ĠU L 193, 30.7.2018, p.1)

“Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat appoġġ adegwat lill-Istati Membri kollha wara l-kriżi tal-COVID-19, jenħtieġ li jkunu previsti biss aġġustamenti ’l fuq.”

(5) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. Fejn ikun meħtieġ li tiġi mobilizzata garanzija għall-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri awtorizzata skont l-Artikolu 220(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (“ir-Regolament Finanzjarju”), l-ammont neċessarju għandu jiġi mobilizzat lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP.”

(6) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Hija għandha taġġusta dawk l-allokazzjonijiet totali ’l fuq kull meta jkun hemm diverġenza kumulattiva ta’ aktar minn + 5 %.”

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. L-effett totali tal-aġġustamenti msemmija fil-paragrafu 2 ma għandux jeċċedi l-ammont ta’ EUR 10 biljun (fi prezzijiet tal-2018).”

(7) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 8*
*Aġġustament b’segwitu għal regoli jew programmi ġodda skont ġestjoni kondiviża*

Fil-każ tal-adozzjoni wara l-1 ta’ Jannar 2021 ta’ regoli jew programmi ġodda b’ġestjoni kondiviża għall-Fondi Strutturali, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viża skont il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-ammonti li jikkorrispondu għall-allokazzjonijiet mhux użati fl-2021 għandhom jiġu trasferiti fi proporzjonijiet indaqs għas-snin mill-2022 sal-2025, u l-limiti massimi korrispondenti tal-QFP għandhom jiġu aġġustati skont dan.”

(8) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, li l-objettivi u l-ambitu tiegħu huma stipulati fir-[Regolament (UE) XXXX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13]], ma għandux jeċċedi l-ammont massimu annwali ta’ EUR 386 miljun (fi prezzijiet tal-2018).”

(9) Fl-Artikolu 10(1), l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, li l-objettivi u l-ambitu tiegħu huma stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002[14], ma għandux jeċċedi l-ammont massimu annwali ta’ EUR 1 000 miljun (fi prezzijiet tal-2018).”

(10) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 11*
*Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza*

[13] ĠU L, , p. .

[14] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta’, Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p.3 - Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 14 Volum 001 p. 181 - 186)

1. Ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza tista’ tintuża għal rispons rapidu fi ħtiġijiet ta’ emerġenza speċifiċi fl-Unjoni jew f’pajjiżi terzi wara avvenimenti li ma setgħux ikunu previsti meta ġie stabbilit il-baġit, b’mod partikolari għal rispons ta’ emerġenza u operazzjonijiet ta’ appoġġ wara diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, kriżijiet umanitarji, f’każijiet ta’ saħħa pubblika fuq skala kbira, theddid veterinarju jew fitosanitarju, kif ukoll f’sitwazzjonijiet ta’ pressjoni partikolari li tirriżulta minn flussi migratorji fil-fruntieri esterni tal-Unjoni fejn iċ-ċirkustanzi jkunu jeħtieġu hekk.

2. L-ammont annwali tal-Għajnuna ta’ Solidarjetà u Emerġenza huwa stabbilit għal EUR 3 000 miljun (fi prezzijiet tal-2018) u jista’ jintuża sas-sena n+1 f’konformità mar-Regolament Finanzjarju. L-Għajnuna ta’ Solidarjetà u Emerġenza għandha tiddaħħal bħala dispożizzjoni fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.. Il-parti tal-ammont annwali li tirriżulta mis-sena preċedenti għandha tintuża l-ewwel. Dik il-parti tal-ammont annwali mis-sena n li ma tintużax fis-sena n + 1 tiskadi.

Sal-1 ta’ Ottubru ta’ kull sena, mill-inqas kwart mill-ammont annwali għas-sena n għandu jibqa’ disponibbli biex ikopri l-ħtiġijiet li jinħolqu sa tmiem dik is-sena.

Mhux aktar minn nofs l-ammont disponibbli sat-30 ta’ Settembru ta’ kull sena jista’ jiġi mobilizzat, rispettivament, għall-operazzjonijiet interni jew esterni.

Mill-1 ta’ Ottubru, il-parti li jifdal mill-allokazzjoni disponibbli tista’ tiġi mobilizzata għal operazzjonijiet kemm interni kif ukoll esterni biex tkopri l-ħtiġijiet li jinħolqu sa tmiem dik is-sena.”

(11) Fl-Artikolu 13(1), il-punt (c) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(c) allokazzjoni ekwivalenti għall-porzjon tal-allokazzjoni annwali għar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza li tkun skadiet fis-sena preċedenti skont l-Artikolu 11(2).”

(12) L-Anness huwa sostitwit bl-Anness ta’ din proposta emendata.